

# Il-Bambini tal-Milied tal-Kolleġġjata ta' Bormla

**Dr. Simon Mercieca**

## Il-Bambin Liturġiku

L-użu tal-Bambin matul il-quddiesa tal-Milied huwa xi ħaġa riċenti bħal ma hija riċenti f'ċertu parroċċi l-quddiesa ta' nofs il-lejl. L-użu tal-Bambin, jiġifieri dik il-figura ta' tifel kważi għarwien fuq ftit tiben jew esebit b'mod aktar solenni ġewwa xi ġilandra ddaħħlet bħala tradizzjoni mill-patrijiet Franġiskani fid-dinja Kattolika Latina. Huma bdew jarmaw Ġesù Bambin fil-knejjes tagħhom. Għalhekk m'hix xi ħaġa tal-iskantament li l-bażilika Rumana tal-Madonna ta' Aracoeli ġewwa Ruma għandha fi ħdanha devozzjoni kbira lejn Ġesù Bambin. Din il-bażilika ġiet mogħtija lill-patrijiet Franġiskani madwar l-1249–1250. Kien f'din il-bażilika li kibret devozzjoni lejn l-immaġni ta' Ġesù Bambin u l-istatwa jew aħjar il-Bambin li kien hemm fiha beda jiġi attribwit lilu qawwiet mirakulużi. Dan il-Bambin tal-injam magħruf bħala s-*Santo Bambino* sar fis-seklu ħmistax minn injam taż-żebbuġ li kien inġieb mill-Palestina eżattament mill-Ġnien tal-Ġetsemani. Sfortunatament, din l-istatwa nserqet fi Frar tal-1994 u baqgħet ma nstabitx.

Waqt li hu fatt magħruf li l-patrijiet Franġiskani ferrxu din d-drawwa tal-użu tal-bambini fil-Knisja, u speċjalment matul il-ġranet tal-Milied mal-Italja kollha, kien hemm patrijiet oħra, speċjalment Ordinijiet Reliġjużi li ġew ikkreati wara l-Konċilju ta' Trentu li bdew idaħħlu devozzjoni speċjali lejn Ġesù Bambin. Hawnhekk qed nirreferi b'mod speċifiku għall-Ordni reliġjuż tal-Patrijiet Ġiżwiti u dawk tal-Karmelitani Skalzi. Il-Ġiżwiti jqisu lilhom infushom bħala l-Ordni ta' Ġesù u kienu jħobbu jġibu l-figura ta' Bambin wieqaf bħala parti mill-immaġni tagħhom. Wieħed għandu biss iħares lejn il-prospettiva fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt u jara din l-immaġni ta' Ġesù tarbija fuq saqajh f'pożizzjoni li qed ibierek lill-ġemgħa.



**Il-bambin li kien meqjum fil-knisja ta' Aracoeli f'Ruma.**

Biss l-Ordni reliġjuż li ser iwassal għat-tixrid tal-kult ta' Ġesù Bambin fid-djar tagħna kien dak tal-patrijiet Karmelitani Scalzi. Studju riċenti fuq dan is-suġġett, mill-istoriku Franċiż J. Le Brun

jitkellem dwar id-devozzjoni li kellha Santa Tereża u l-patrijiet li hija waqqfet għal Ġesù Bambin. Santa Tereża stess kellha fil-pussess tagħha aktar minn Bambin wieħed u kienet teħodhom magħha fil-vjaġġi tagħha bħala devozzjoni. Hija kienet tħobb tagħti bambini biex ixxerred din id-devozzjoni u kienet tinkoraġġixxi, speċjalment lill-patrijiet biex ikollhom bambini bħala akkumpanjament jew speċi ta' amleti, għal meta jivjaġġaw. Fuq kollox il-patrijiet Karmelitani Skalzi jibdew jieħdu l-isem ta' Ġesù Bambin. L-ewwel wieħed kien l-Ispanjol Franġisku ta' Ġesù Bambin (1547-1604). Tkun il-pubblikazzjoni dwar il-ħajja ta' Franġisku, li nkitbet wara mewtu li ġġib d-devulgazzjoni tal-kult ta' Ġesù Bambin. L-imħabba li dan kellu lejH, l-aktar il-mod kif ġiet rrakkontata f'din il-bijografija dwaru, twassal biex tixtered id-devozzjoni lejn dan il-kult ġdid li jaf l-oriġini tiegħu għas-seklu ħmistax. Imbagħad, ikunu s-sorijiet reliġjużi ta' dan l-istess Ordni Karmelitan riformat li saħħew din id-devozzjoni u jxerrduha fil-monasteri tagħhom. Huma bħal ħuthom il-patrijiet kienu bdew jagħmlu l-bambini għalihom u anki biex iqassmuhom lill-fidili. B'hekk din id-devozzjoni u speċjalment id-drawwa li jkollna bambin id-dar daħlet fl-Ewropa kollha grazzi għal dan l-Ordni. In fatti, illum l-aktar Bambin importanti fl-Ewropa kollha hu dak ta' Praga, li jinsab appuntu fi knisja mmexxija mit-Tereżjani Skalzi.

F'dan il-kuntest, wieħed sinċerament jistaqsi jekk din id-drawwa ġewwa Malta li wieħed iżomm Bambin id-dar daħletx wara l-wasla tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi f'pajjiżna u bil-ftuħ tal-ewwel kunvent tagħhom ġewwa Bormla. Hu żgur, li r-records l-antiki ta' dan il-kunvent isemmgħu n-numru ta' Bambini li dan kellu. Hi ħasra li ħafna minn dawn il-bambini ntilfu. Hu żgur li f'dan il-kunvent, il-Milied kien ikun iċċelebrat bil-kbir daqs il-festa tal-Karmnu u dik ta' Santa Tereża. Din tikkonferma l-importanza li l-Karmelitani Skalzi, anki f'pajjiżna kienu jagħtu lill-Milied.

Fuq kollox, din l-istorja tispjega fatt ieħor importanti, għala fil-passat kien hemm daqshekk nies ġewwa l-Kottonera li jagħmlu l-bambini. Ma hemmx dubju li din id-devozzjoni daħlet l-ewwel fosthom u probabbilment kienet minn Bormla, li bil-mod il-mod tferrxet fil-knejjes l-oħra kollha tal-gżira. Għall-bidu, l-użu tal-Bambin beda jkun f'kuntest liturġiku partikolari waqt li dan il-bambin ta' Aracoeli beda jittieħed bħala mudell tal-Bambin użat waqt din il-funzjoni.

In fatti, jkunu primarjament il-kunventi tas-sorijiet li jibdew id-drawwa li jlibbsu l-Bambin, kważi kważi kienu jqisuh bħala tarbija ta' veru. Fuq kollox dan kien il-kunċett fis-seklu ħmistax wara l-kreazzjoni ta' din l-immaġni. Kien żmien fl-istorja magħruf bħala r-Rinaxximent. Il-bniedem sar fiċ-ċentru ta' kollox. Anki t-teoloġija nbidlet u Alla beda jkun meqjus u vviżwalizzat bħala bniedem. Għalhekk bdew jiġu magħmula bambini li kienu perfettament fil-miżura u anatomikament perfetti daqs tarbija ħajja.

Għaliex f'Malta din id-devozzjoni daħlet tard, jiġifieri ftit wara l-wasla tal-Karmelitani Skalzi ġewwa Bormla, seħħew evoluzzjonijiet fil-mod kif kien jiġi magħmul il-Bambin u jidher li beda jiġi simplifikat, fi kliem ieħor kien Bambin imlibbes u mqiegħed fi trajbu, mingħajr ma jkollu l-idejn u s-saqajn tiegħu jidhru. Għalhekk, ħafna drabi dan il-Bambin kien jispiċċa jkun Bambin bla korp, għaliex il-korp kien ikun forma ta' tubu magħmul mid-drapp. Dan kien jimtela' bi drapp pressat jew anki bit-tiben biex jiġi kreat dan it-trajbu. Xi drabi, dan it-trajbu kien jitlibbes bi drapp fin iżda wieħed ma jeskludix il-fatt li ċerti trajbi kienu jiġu mlibbsa bi drapp kemxejn fqir. Kulħadd skont kemm jista'. Biss kollha kienu jkunu l-istess. Kull ma kien ikollu jidher minn ġismu kien wiċċu. Il-wiċċ

kien tax-xama' jew tal-ġibs jew ta' xi materjal ieħor bħall-kartapesta. Din il-forma tal-Bambin kienet varjazzjoni fuq dik ta' Aracoeli għaliex dan kien oriġinarjament korp sħiħ tal-injam li ġie mlibbes waqt li l-idejn u s-saqajn tiegħu tħallew jidhru. Għalhekk dawn il-bambini ta' Malta jistgħu jitqiesu bħala foqra f'dik li hija kompożizzjoni. Fuq kollox, dan ma jfissirx li ma bdewx jidhru bambini ta' tip ieħor fil-gżira, jiġifieri bambini forma ta' tarbija, u eżempji sbieħ ta' dawn il-bambini qodma għadhom jeżistu u wieħed minnhom, li jmur lura għas-'sei cento', jinsab għand il-Franġiskani Minuri tar-Rabat. Ma hemmx dubju wkoll li dawn it-tip ta' bambini spiċċaw jakkumpanjaw statwi b'mod partikolari dik tal-Madonna jew ta' San Ġużepp.

Dan il-Bambin liturġiku kien jintuża b'mod partikolari matul il-liturġija tal-epifanija li kienet tkun ċelebrata kull sena fis-6 ta' Jannar. F'din il-ġurnata, il-Knisja tfakkar l-adorazzjoni ta' Ġesù tarbija mis-slaten Maġi. Għalhekk bħala tifkira ta' din il-ġrajja, fis-sitta ta' Jannar kienet issir funzjoni li ma' tulha kien jinħareġ dan il-Bambin liturġiku biex jingħata qima mill-fidili. Dan il-fatt liturġiku in parti jispjega d-drawwa għala fil-knejjes tagħna Ġesù Bambin kien jiġi armat ġewwa xi ġilandra fuq l-artal maġġur waqt li dawn il-bambini wżati f'din il-funzjoni bdew ikunu magħrufin bħala bambini liturġiċi.

F'Bormla ma jidhru ebda traċċi ta' dan it-tip ta' Bambin ġewwa trajbu. L-eqdem Bambin li jinsab illum f'din il-knisja jmur lura għan-nofs is-seklu dsatax. Biss ma għandux ikun hemm dubju li f'din il-knisja ma kienx hemm xi tip ta' bambin ieħor qabel din id-data, b'mod partikolari dan it-tip ta' Bambin liturġiku. Wisq probabbli li dan il-Bambin intilef tul il-medda taż-żmien. Wieħed jissuspetta li l-adorazzjoni ewkaristika li kienet issir f'din il-knisja fil-passat tul il-ġurnata tal-epifanija setgħet kienet żvilupp liturġiku fuq l-adorazzjoni ta' Ġesù Bambin li kienet issir tul din il-ġurnata fir-ritwal liturġiku passat tal-Knisja. Traċċi ta' din il-funzjoni liturġika f'Malta jidhru li ntilfu għal kollox. Fuq kollox f'din il-knisja, il-ġurnata tal-Milied ma kinetx tkun ċelebrata bil-kbir. Per eżempju, fil-ħamsa u għoxrin ta' Diċembru ma kinetx issir il-quddiesa ta' bil-lejl f'din il-knisja parrokkjali. Din bdiet tkun organizzata ġewwa din il-knisja wara t-Tieni Gwerra. Dan ma jfissirx li din it-tradizzjoni tal-quddiesa bil-lejl ma kinetx teżisti iżda din kienet tkun organizzata mill-patrijiet Tereżjani.

Min-naħa l-oħra, il-festa tal-epifanija kienet tkun iċċelebrata bil-kbir. Hawnhekk, wieħed irid ukoll jiftakar li sakemm saret ir-riforma fil-kalendarju solari, il-ġurnata tal-Milied kienet taqa' fis-sitta ta' Jannar. Infatti, il-Kattoliċi Ortodossi, li baqgħu jżommu l-kalendarju l-qadim (u m'addottawx dak Gregorjan iżda żammew mal-Kalendarju hekk msejjaħ Ġiljan) għadhom jiċċelebraw il-Milied fis-sitta ta' Jannar, cioe' fl-istess ġurnata li fil-punent illum tkun iċċelebrata il-festa tal-epifanija.



**Litografija tas-*Santo Bambino* ta' Aracoeli. (Kollezzjoni Privata)**

## L-Immaġni tal-Bambina tal-Kor

Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' din il-figura ta' Bambin liturġiku kienet magħrufa sew ġewwa Bormla. Jekk wieħed iħares lejn kwadru laterali tal-kor, dak li juri l-qima mis-Santi Padri tal-Knisja li kienu tkellmu dwar il-Konċepiment bla tebgħa ta' Marija, jinduna bil-figura tal-Madonna tarbija ġewwa trajbu. Il-Bambin liturġiku, kif spjegat qabel, kien ikun magħmul fuq din l-istess għamla. Għalhekk meta l-pittur Francesco Zahra pitter dan il-kwadru partikolari għall-kor ta' din il-knisja, żgur li kellu f'moħħu dan it-tip ta' Bambin, bid-differenza li issa addotta dan il-mudell għar-rappreżentazzjoni tat-twelid tal-Madonna. Hawnhekk wieħed irid iżid li din kienet innovazzjoni ġdida ta' kif kien qiegħed ikun rappreżentat it-twelid tal-Madonna fl-ikonografija Kristjana.

Wieħed ma tantx isib ikonografiji tat-twelid tal-Madonna ta' dan it-tip f'dak iż-żmien u qabel dan il-kwadru, kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali. Wieħed irid jiftakar li l-ikonografija tat-twelid tal-Madonna wżata sa mis-seklu tnax u anki qabel hija dik ta' Sant'Anna fis-sodda wara li welldet, waqt li t-tarbija Marija tinsab f'idejn il-qabla u l-imreddgħa biex tingħata l-ewwel ħasla ġo xi żinġla. Dan il-mudell insibuh użat fil-kwadri kważi kollha qodma tat-Twelid tal-Madonna kemm dawk lokali u dawk barranin. Hekk per eżempju, it-titular l-antik tal-Isla, li llum jinsab ix-Xagħra Għawdex jew inkella f'dak tan-Naxxar għandhom din it-tip ta' ikonografija. Din it-tip ta' ikonografija kienet għadha waħda predominanti meta Zahra pinġa dan il-kwadru tal-kor ta' Bormla.

Issa f'dan il-kwadru partikolari, Zahra mar aktar lil hinn u b'ċerta transgressività ippreżenta żewġ xeni tat-twelid tal-Madonna. Fuq il-lemin tal-kor qiegħed lil Sant'Anna litteralment fil-mument li fih qiegħda twelled waqt li faċċata ta' dan il-kwadru, hemm dan il-kwadru l-ieħor li jirrappreżenta l-immaġni ta' Marija tarbija. Interessanti f'din l-immaġni huwa li l-Madonna hija mpittra tarbija fi trajbu. Issa fl-ikonografija ta' dik il-ħabta, din it-tip ta' poża kienet assoċjata mar-rappreżentazzjoni ta' Kristu tarbija u m'hux tal-Madonna. Ma għandux ikun hemm dubju dwar minn fejn ġiet din l-ispirazzjoni. Hu magħruf li l-artisti ta' dik il-ħabta kien ikollhom għandhom inċiżjonijiet ta' pitturi u kwadri magħrufa fl-Italja, b'mod partikolari f'Ruma, u dawn kienu jkunu imitati u riprodotti minnhom fil-kommissjonijiet lokali. Każ ta' ikonografija partikolari tikkonċerna r-rappreżentazzjoni tal-famuż Bambin ta' Aracoeli ġewwa Ruma. Minħabba li dan il-Bambin kien meqjus bħala wieħed mirakuluż kienu jsiru ripproduzzjonijiet ikonografiċi tiegħu biex titkabbar aktar id-devozzjoni lejh waqt li fl-istess ħin ikun jista' jintuża ta' mudell. Hekk per eżempju nsibu li kienu anki saru inċizzjonijiet tiegħu, u dawn l-inċiżjonijiet waslu anki sa pajjiżna. Kienu inċiżjonijiet bħal dawn li kienu jispiraw l-artisti biex jagħmlu dawn l-bambini liturġiċi fuq dan il-mudell tal-Bambin ta' Aracoeli u wieħed anki jissuspetta li xi waħda minn dawn l-inċiżjonijiet



**Dettall mill-pittura tal-Kor li turi l-Bambina fi Trajbu**

ispirat direttament jew indirettament lil Zahra biex jippreżenta t-twelid tal-Madonna b'dan il-mod ġdid u xejn konvenzjonali ta' kif din l-istorja tat-twelid tal-Madonna kienet qed tkun irrakkuntata fil-kwadri sa żmienu.

## Il-Prokura ta' Ġesù Bambin

Ma' tul dan l-istess żmien li fih Zahra kien pitter dawn il-kwadri tal-kor kienet teżisti ġewwa Bormla prokura ta' Ġesù Bambin u din kienet marbuta mal-artal magħruf bħala *del Smo Bambino*. Ma għandux ikun hemm dubju, li l-qima ta' Ġesù Bambin kienet issir fuq l-istess artal li llum tinżamm l-immaġni ta' Ġesù Bambin jiġifieri dak tal-Ispirtu Santu jew Pentecoste. L-eżistenza ta' din il-prokura kien ifisser li kien jeżisti Bormla kult qawwi lejn it-twelid ta' Ġesù Bambin tul is-seklu tmintax u ma għandux ikun hemm dubju li kien hemm Bambin użat tul dan iż-żmien u probabbilment kien jinżamm fuq dan l-artal iżda minnu llum ma baqa' xejn li wasal għandna. Xi wħud mir-reġistri tal-kontijiet ta' din il-prokura għadhom jeżistu u jinsabu miżmuma fil-Kurja. Volum li jġib l-isem bħala *Conti Vol. 15 1743-1760 – 1773, Burmula Bambino 1751-1754,* il-prokuratur jitkellem dwar id-dħul li kellha din il-prokura minn kapital investit f'*bonds* jew ċnus bullari kif ukoll l-ispejjeż li kienet tagħmel biex iżżejjen il-knisja bix-xemgħat għal waqt il-funzjonijiet, kif ukoll ħlas ta' żjut (li f'dan il-perjodu kien importanti għaliex bħax-xama' kien jintuża wkoll biex jipprovdi d-dawl. Il-funzjonijiet li jissemmew li qegħdin ikunu magħmula minn din il-prokura hemm dawk ta' tul in-novena tal-Milied u l-festività permezz ta' quddiesa solenni ta' jum il-Milied. Din il-prokura kienet tieħu ħsieb biex tagħmel ukoll il-festi relatati mat-tifkira ta' San Ġużepp u t-tifkira taċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu jew kif inhi magħrufa aħjar bħala l-kandlora. Fuq kollox tkun din l-istess prokura li tħallas biex issir dik l-aklova li tinsab ġewwa l-artal magħruf bħala ta' San Ġużepp. L-artist li tqabbad biex jagħmilha missier Francesco Zahra, Pietro Paolo. L-eżistenza ta' din l-alkova jew ħofra f'dan l-artal turi l-eżistenza ta' Bambin importanti ġewwa Bormla fis-seklu tmintax u li kien jintuża waqt iċ-ċerimonji tal-knisja. Ħasra li dan il-Bambin ma għadux jeżisti.

## Il-Bambin fil-Knisja ta' San Pawl

L-eqdem Bambin li llum jeżisti ġewwa l-knisja ta' Bormla huwa dak li jinsab fil-knisja ta' San Pawl. Dan il-Bambin huwa tal-kartapesta u wieħed jista' jgħid li dan hu l-isbaħ Bambin tal-kartapesta li għandha din il-knisja. Meta wieħed iħares lejh wieħed jinduna immedjatament f'liema seklu dan sar, jiġifieri ma' tul is-seklu dsatax. Minn tradizzjoni orali dan il-Bambin huwa meqjus bħala xogħol ta' Karlu Darmanin (1825-1909). Il-kwalità ta' xogħol tiegħu ma jeskludix dan il-fatt.

L-artist li għamel dan il-Bambin juri li kien jaf sew it-tradizzjonijiet passati assoċjati mat-twelid ta' Kristu, speċjalment dawk tas-seklu ta' qabel, f'dik li hija poża tal-bambini. B'mod ġenerali, il-ambini tas-seklu tmintax kien ikollhom l-espressjoni ta' wiċċhom bħal dik tal-putti barokki u b'espressjoni teatrali u xenografika. Min-naħa l-oħra l-awtur ta' dan il-Bambin ma jaħrabx mill-influwenzi romantiċi u lituriġiċi ta' dan is-seklu ġdid. Issa huwa żmien ir-romantiċiżmu, għalhekk il-bambini bdew isiru aktar jixbhu r-realtà. L-anotamija tal-bambini ottoċenteski tinbidel. Tissaħħaħ id-drawwa tul dan is-seklu biex il-bambini jkunu rappreżentati rieqda. Fl-istess ħin il-bambini huma f'pożizzjoni aktar riġida u jitneżżgħu mit-teatralità barokka. L-espressjoni u l-pożizzjoni

tal-korp tagħhom tingħata atteġġjament aktar naturali u jsiru ta' kontenut aktar; i.e. anqas teatrali u aktar serju fl-espressjoni tagħhom. Kważi kważi, huma bambini li qegħdin jesprimu diġà d-dwejjaq għax ġa jafu bid-destin kiefer li kien hemm jistenna lil Kristu. Dawn l-espressjonijiet ta' dwejjaq ma tantx huma riflessi fil-bambini ta' qabel l-epoka romantika.

Dawn l-espressjonijiet jinsabu kollha fil-Bambin li llum huwa assoċċjat mal-knisja ta' San Pawl. Per eżempju, jekk wieħed iħares lejn xagħru jsib li hu magħmul bil-ferq. Din hija espressjoni tas-seklu dsatax. Anki l-forma tal-mento jew geddumu huma espressjoni tas-seklu dsatax u magħmula fl-ispirtu romantiku tal-epoka. Għajnejh tal-ħġieġ li bdew jintużaw diġà fis-seklu sbatax iżda dawn kienu meqjusa ta' valur prezzjuż. Tul is-seklu tmintax din id-drawwa tespandi u anki nsibu eżempju tal-użu tagħha f'Malta. Iżda f'Malta, din id-drawwa, l-użu tal-għajnejn tal-ħġieġ, qabdet sew fis-seklu dsatax u dan il-Bambin huwa espressjoni ta' din il-kultura ġdida. Wieħed jinnota wkoll il-kulur li l-artist ta lil dan il-bambin, jirrifletti din ir-realtà l-ġdida. Illum, il-kulur tal-ġilda tiegħu huwa fil-griż. Ma hemmx dubju li dan il-kulur, kważi ta' Bambin bla ħajja jew ta' tarbija li għadha kemm titwieled seħħ minħabba l-fatt li ż-żebgħa tfiet maż-żmien. Biss xorta waħda għandu jkun innutat li l-artist ma tantx uża kuluri qawwija meta għamel dan il-Bambin. Anzi, wieħed jibda jissuspetta li uża kuluri li jwasslu biex iġagħlu lill-ispettatur biex diġà jibda jassoċja dan il-Bambin mal-mewt ta' din l-istess persuna. Kif spjegajt, il-Bambin huwa magħmul jixbah ir-realtà iżda fl-istess ħin, nieqes minn dik il-vivaċità teatrali, kważi karikatura tal-bambini tas-seklu ta' qabel. Il-kult tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid beda jinvadi sew matul dan il-perjodu l-psike ġenerali tan-nies u dan wassal biex wieħed diġà beda jħares lejn dan il-misterju tal-Għid mill-Milied innifsu, jiġifieri din il-festa tibda tfisser il-bidu tal-mixja lejn il-qawmien ta' Kristu.

Wieħed irid jinnota li bħala xogħol, dan huwa Bambin tal-kartapesta. Inżid ngħid li huwa xogħol tajjeb ħafna u rfinut fil-kartapesta u wieħed ma jeskludix li huwa xogħol Malti. Għalhekk, l-asserzjoni orali, li hu ta' Darmanin, titlob li tkun konsidrata serjament. Iżda jidher li l-oriġini ta' kif wasal f'Bormla għad trid tkun studjata aktar jiġifieri, jekk ingħatax lil din il-knisja minn xi persuna privata jew inkella kienx tal-parroċċa ta' Bormla u spiċċa f'din il-knisja wara li l-kolleġġjata akkwistat bambin ieħor li llum jinsab merfugħ fuq l-artal ta' San Ġużepp fi ħdan l-istess knisja.



**Ritratt tal-Bambin ta' San Pawl**

## Il-Bambin ta' fuq l-artal ta' San Ġużepp

Dan il-bambin, attribwit lil Abraham Gatt (1863-1944), magħmul wkoll fil-vena romantika u kif inhu l-Bambin ta' San Pawl, qiegħed f'pożizzjoni ta' tarbija rieqda. Dan il-Bambin hu tal-kartapesta. Ma hemmx dubju li dan il-bambin sar lejn l-aħħar tas-seklu dsatax jew bidu tas-seklu għoxrin. Huwa espressjoni tal-arti popolari reliġjuża ta' dik il-ħabta u għalhekk l-attribuzzjoni li saret, jiġifieri li dan huwa x-xogħol ta' Gatt tista'

tkun korretta. L-artist fittex li jipproduċi kemm jista' jkun Bambin żgħir li jqanqal devozzjoni f'dawk li jħarsu lejh. Fuq kollox, bħala Bambin, l-artist ipprova joħloq miżurazzjoni umana kemm tista' tkun preċiża. Dawn huma elementi sintomatiċi ħafna max-xogħol ta' Gatt. Il-moviment verista fil-letteratura jidher li kien qiegħed jikkondizzjonalu l-ħsieb tiegħu f'dik li kienet espressjoni tal-arti popolari tiegħu. L-artist ried li dan il-Bambin ikun kemm jista' jkun jixbah lil tarbija umana, kemm fid-daqs, fattizzi u anki misurazzjoni umana. Jekk wieħed iħares lejn ix-xagħar tiegħu, wieħed jinduna li dan ix-xogħol sar lejn il-bidu tas-seklu għoxrin anki jekk, bħal ma jiġri ħafna drabi fl-arti Maltija, l-artist ipprova jispira ruħu minn xogħlijiet preċedenti bħal ma huma dawk tas-seklu tmintax billi f'dan il-każ, waqt li jagħmlu f'qagħda rieqda, fl-istess ħin jagħmlu jmil fuq ġenbu. Imbagħad meta niġu għal dik li hija rappreżentazzjoni tat-tarbija jagħmilha bħala persuna kemxejn imlaħħma, motiv assoċjat mal-bambini magħmula fl-epoka romantika tardiva Maltija.


Ritratt tal-bambin ta' fuq l-artal ta' San Ġużepp

## Il-Bambin tat-Tarzna

Dan il-bambin ġie mogħti lill-knisja ta' Bormla riċentement, jiġifieri fl-2008 biex jibqa' f'din il-parroċċa bħala rikordju tad-devozzjoni li l-ħaddiema tas-sezzjoni magħrufa bħala l-*'machine shop'* kellhom lejn il-misteru tal-inkarnazzjoni. Kien xieraq li fis-sena li fiha sar l-akbar *'down sizing'* f'din l-industrija u li ma' tulha saru affermazzjoni li din l-industrija kienet se tinbidel radikalment jew anki tagħlaq, dan il-Bambin ingħata lil dik il-knisja li tinsab fil-post fejn ukoll tinsab din l-ażjenda. Iżda l-istorja ta' dan il-Bambin hija waħda qadima wkoll. Dan hu Bambin tal-kartapesta u ma hemmx dubbju li kien inġieb minn Lecce. Nies li kienu jaħdmu f'din it-taqsima qalulna li dan il-Bambin inġieb wara l-gwerra madwar is-sena 1950. Wieħed jissuspetta li nġieb fit-tarzna fuq inizjattiva ta' xi soċju tal-M.U.S.E.U.M. li minnhom kien hemm numru mhux ħażin jaħdmu fit-Tarzna dik il-ħabta. Biss din hija biss suppożizzjoni u forsi għad hawn min jiftakar l-istorja ta' dan il-Bambin sew u jkun xieraq li din ix-xhieda okulari tiġi miktuba.


Ritratt tal-Bambin tat-Tarzna

Wieħed irid jgħid ukoll li ma' tul dan il-perjodu, numru ta' oqsma tal-mużew, bħal ma kien dak tar-Rabat f'Malta, kienu akkwistaw Bambin minn Lecce. Lecce hija belt fl-Italja u kienet magħrufa f'din il-ħabta għal xogħol fil-kartapesta. Forsi ħafna jafu bl-istatwi tal-kartapesta tal-Ġimgħa l-Kbira li

kienu nġiebu minn Lecce. Biss f'dan il-pajjiż kienu jsiru xogħlijiet oħra fil-kartapesta bħalma kienu kurċifissi u statwi oħra ta' figuri mqaddsa, żgħar u kbar. Dan il-bambin hu xogħol sabiħ ħafna u xogħol ta' dan it-tip kien ikun akkwistat f'din il-ħabta minn dawk li kienu ftit jew wisq tat-tajjeb. Wisq probabbli, l-ħaddiema tat-Tarzna setgħu jakkwistaw Bambin bħal dan minħabba l-kobor ta' din l-ażjenda li f'dik il-ħabta kienet tħaddem eluf ta' nies u għalhekk ġabra fosthom u għotja żgħira kemm hija żgħira, minn kull ħaddiem, kienet twassal għal ġabra sostanzjali li tippermetti akkwist ta' Bambin ta' din l-iskala. Wieħed irid jiftakar li l-*'Machine Shop'* kienet taqsima li tħaddem ħafna ħaddiema.

## Il-Bambin tal-Marċjol

Akkwist riċenti ieħor f'din il-knisja ta' Bormla kien il-Bambin magħmul minn Ġużeppi Caruana (1887-1973) magħruf bħala l-Marċjol. Bħal Abram Gatt, il-Marċjol kien artist minn Bormla. Dan il-Bambin kien f'dar privata użat biex joħloq l-ispirtu tal-Milied f'post familjari. Għalhekk hawn wieħed irid jgħid li dan il-bambin qatt ma kien intenzjonat li jkun esebit f'xi lok ta' kult iżda sar biex iżejjen u jdaħħal l-ispirtu tal-Milied fid-dar ta' sidha. Għalhekk, ħafna darbi, xogħol bħal dan ma kienx ikun ta' arti partikolari u min kien jakkwista wieħed bħal dan kien jagħmlu għaliex ma tantx ikun jiflaħ jixtri xi xogħol artistiku ta' valur akbar.



Ritratt tal-Bambin ta' Marċjol

Dan il-Bambin sar wisq probabbli ftit qabel il-gwerra. Minn informazzjoni li ġbart, naf li l-Marċjol kien għamel żewġ bambini, jiġifieri dan u ieħor. Dawn kien għamilhom għall-membri tal-familja tiegħu. Għalhekk il-kommissjoni wara dawn il-bambini seta' wkoll kellha skop altruwistiku. Wieħed minn dawn iż-żewġ bambini illum ingħata lill-knisja ta' Bormla u huwa dak li qegħdin nitkellmu dwaru waqt li l-Bambin l-ieħor illum jinsab Catania wara li membri ta' din il-familja marru jgħixu hemm.

Dan il-Bambin, xogħol Malti magħmul mill-kartapesta, għandu l-valur tiegħu. Fih innifsu, m'hux xi xogħol irfinut ħafna biss għandu wkoll il-preġju tiegħu u wieħed irid ukoll jarah fil-kuntest ta' żmienu. In fatti, dan il-Bambin għandu jitqies bħala prodott tal-epoka hekk imsejħa industrijali. Meta nħadem dan il-Bambin, kienu diġà bdew jidhru fl-Ewropa ġugarelli magħmula b'mod industrijali u fost dawn insibu l-produzzjoni ta' pupi kbar. Pupi maħduma industrijalment bdew ukoll jiddaħħlu f'Malta, anki jekk, tul dan il-perjodu, il-pupi kienu meqjusa xi ħaġa ta' lussu. Iżda l-wasla ta' dawn il-pupi tidher li ħalliet l-effett tagħha fuq l-artist Caruana kif ukoll fuq in-nies li xtaqu jkollhom Bambin id-dar. Jekk wieħed iħares sew lejn dan il-Bambin, wieħed mill-ewwel jiftakar f'dawn il-pupi li kienu qegħdin ikunu prodotti dik il-ħabta.

Fuq kollox, wieħed irid ukoll jiftakar li Caruana kien jaħdem il-kartapesta u anki ħadem statwi kbar bħal dawk tal-Ġimgħa il-Kbira. Biex jagħmel dawn l-istatwi, hu żgur kellu forom biex ikun jista' jagħmel dawn l-istatwi u anki l-anġli tal-kartapesta. Din hija

varjazzjoni f'dak li kien jiġri ma' xi artisti fis-seklu tmintax, meta min kien jagħmel il-kartapesta kien ikollu l-forom biex jagħmel il-bambini u kien juża dawn l-istess forom biex jagħmel l-anġli.

Naħseb li Carauna uża waħda minn dawn il-forom kbar li kien jużaha biex jagħmel xi wiċċ u ras ta' xi anġlu biex jagħmel dan il-bambin. Dan jispjega l-fatt kif Caruana irnexxielu joħroġ dan l-effett tal-pupu kbir, bħal dawk li kienu jinxtraw f'dik il-ħabta. Infatti, ir-ras hija daqsxejn sproporzjonata għall-ġisem ta' tarbija. Ix-xagħar ta' dan il-Bambin, in partikolari, in-nokklu, jfakkrek fil-pupi tat-toys li kienu jilagħbu bihom fit-tfulija tagħhom l-ommijiet u għal xi wħud in-nanniet jew il-busnanniet tagħna.

L-aktar ħaġa importanti f'dan il-Bambin hu l-kulur tal-ġilda tiegħu. Dan hu kulur diffiċli biex jiġi kreat miż-żebgħa. Juri li min pitter dan il-Bambin, jiġifieri Caruana, kellu maestrija fl-użu taż-żebgħa. Infatti, huwa pprova jikkoppja l-karnaġġjon tal-pupi li kienu qegħdin ikunu prodotti dik il-ħabta. Dawn il-pupi bħal Bambin ta' Lecce jista' jippossedihom min kien jiflaħ u kellu xi sold. Min kien jiflaħ anqas jew kellu xi relazzjoni ma' xi artist Malti, kien idur għall-prodott irħas Malti. Min-naħa tiegħu, l-artist kien jipprova jimita dawn il-prodotti li dik il-ħabta kienu jidhru ħaġa lussuża.

Dawn l-aħħar żewġ bambini llum ħadu post Bambin ieħor, tal-ġibs li kien inxtara mill-knisja ta' Bormla biex jintuża fil-funzjoni tal-Milied. Dan it-tip ta' Bambin kien wieħed ta' produzzjoni kummerċjali u bħalhom għadek issib ħafna fid-djar Maltin. Numru minn dawn il-bambini kummerċjali kienu jsiru l-Marsa.